MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru 183/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp.Kevin J. Farrugia)**

**v**

**Stephen Schembri ta' 21 sena, imwiled Pieta' nhar it-28 ta' Gunju, 1980 bin Alfred u Judith nee Busuttil, residenti Block F, Flat 9, Triq il-Jum, Marsa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 371680 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Stephen Schembri li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija gewwa Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun, ikkommetta serq ta' mera tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAD-398, ghad-dannu ta' Vincent Mifsud, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, u bix-

xorta tal-haga misruqa, liema serq huw anqas minn mit lira Maltin, u dan ai termini tal-artikoli 261, 270 u 271 (g).

U aktar talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa‘ ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti. Ai termikni tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

U aktar talli kiser il-kunidizzjonijiet ta‘ artikolu 5 ta‘ l-Att XII tal-1957, meta kien gie misjub hati ta‘ reat u kien gie mehlus b’kundizzjoni ghal zmien sentejn (2) taht supervizjoni ta‘ probation officer, mid-data tas-sentenza tat-12 ta‘ Marzu, 2001, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

U aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-13 ta‘ April, 1999,fil-15 ta‘ Gunju, 1999, 9 ta‘ Frar, 2000 u fit-28 ta‘ Novembru, 2000.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll li wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm kif kien drittu l-akkuzat fl-interrogatorju wiegeb li ma kienx hat i ghall-akkuzi kfi dedotti kontra tieghu, pero fi stadju ta‘ stqarrija huwa ammetta li kien hu li seraq il-mera, il-kwistjoni tas-serqa li biha hu akkuzat.

Illi iben id-derubat ukoll iddepona li ra lill-istess Stephen Mifsud bil-mera fuqu.

Illi fil-fatt il-mera llum giet ritornata lill-pulizija.

Illi gew esebiti diversi sentenzi gia moghtija fil-konfront ta‘ Stephen Schembri u giet ukoll pruvata l-identita‘ fil-konfront tar-recidiva.

Rat ukoll li Stephen Schembri nghata diversi opportunitajiet biex iressaq provi in difesa, fatt li dan ghal snin ma sarx.

Ghaldaqstant issib lil Stephen Schembri hati ta‘ serq aggravat u dan wara li rat l-aritkoli 261, 270, 271, 280 tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artikolu 10 tal-Kapitlu 152 (u dan fil-konfront tas-sentenza esebita bhala Dok E (fol 139).

Dwar il-piena ikkonsidrat it-trattazzjonijiet tad-Difiza li talbet li l-akkuzat ma jinghatax piena karcerarja. Qieset li Stephen Schembri nghata aktar minn cans wiehed taht il-provedimenti tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta‘ Malta pero‘ ma gharafx jiehu beneficcju minn dan kollu.

Rat ukoll illi Stephen Schembri huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli taghti xi provediment taht l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tqis fil-fatt li l-piena idonea hija dik karcerarja u ghalhekk wara li ssib htija tar-reat ta‘ serq skond l-artikoli gia msemmija, tilliberah minn dak ta‘ ricettazzjoni in kwantu dan nghata bhala kap alternattiv, qeghda wara li rat ukoll l-artikolu 20, 31, 281 tal-Kapitlu 9 tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ seba’(7)xhur.

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------